*Il-Professur Stanley Fiorini kien ħadem ħafna fuq il-ktieb storiku li kien ġie ppubblikat fl-okkażjoni ta' l-ewwel ċentinarju tal-parroċċa tagħna. Din id-darba stedinnieh biex jagħtina xi tagħrif marbut ma' dak l-avveniment importanti, jiġifieri t-twaqqif tal-parroċċa, u tlabnieh jikteb dwar il-limiti tal-parroċċa kif ġew stabbiliti dak iż-żmien. Sibna wkoll l-għajnuna ta' Dun Ġużepp Busuttil li mill-arkivji tal-Kurja ġabilna kopja tal-pjanta li qed tidher f'paġna 50.*

# San Ġiljan: Il-Limiti tal-Parroċċa

JIKTEB IL-**PROFESSUR STANLEY FIORINI**

Is-subborg ta' San Ġiljan, sa l-1 ta' Settembru 1891, kien jagħmel mal-Kolleġġjata ta' Birkirkara minkejja li, f'dik il-ħabta, kien iħaddan fih 240 dar b'il fuq minn elf ruħ residenti s-sena kollha, biex ma nsemmux 'il ħafna aktar li kienu jiġu villeġġjatura fix-xhur tas-sajf. Il-ħtiġijiet spiritwali ta' dawn kolha kellhom jiġu moqdija minn Birkirkara. Kien għalhekk li l-Arċisqof Pietru Pace laqa' t-talba li saritlu minn għadd ta' Ġiljaniżi biex jaqta' 'l San Ġiljan f'parroċċa għaliha. Nhar l-1 ta' Settembru 1891, l-Arċisqof iffirma d-digriet tat-twaqqif ta' San Ġiljan u f'dan id-dokument importanti ittratta, fost ħwejjeġ oħra, il-limiti li kellu jkollha l-parroċċa l-ġdida - limiti li kellhom jittieħdu mit-territorju Karkariż.

Kif jidher mill-pjanta mehmuża mad-dokument ta' l-erezzjoni hawn riprodott (ara paġna 50), jidher ċar kif lejn it-Tramuntana kien hemm il-limiti naturali, jiġifieri l-kosta tal-baħar, lejn il-Punent il-parroċċa l-ġdida kellha tiġi tmiss ma' dik ta' Ħal Għargħur, min-naħa tan-Nofs inhar ma' l-istess Matriċi Karkariża u fuq il-Lvant mal-parroċċa l-oħra li ma kenitx ilha li nqatgħet mill-istess Matriċi, jiġifieri *Stella Maris* f'Tas-Sliema, imwaqqfa f'parroċċa indipendenti fl-1878.

Il-kosta Ġiljaniża jidher li kienet tibda minn fejn tiltaqa' ma' *Stella Maris* lil hawn mit-Torri ta' San Ġiljan fix-xewka ta' Triq it-Torri (fejn illum hemm il-pompa tal-petrol) u tibqa' ddur mal-qala tal-Balluta (fil-mappa msejħa *Baia Carmine*), lejn l-oħra ta' Spinola (*Baia San Giuliano*) u lejn il-Qaliet sa San Ġorġ. Hawn kienet tibda tmiss mal-parroċċa ta' Ħal Għargħur, tikser lejn in-Nofsinhar matul *Sqaq Dibien* biex tħaddan is-*Swieqi* filwaqt li titla' lejn *Tal-Franċiż*, tinżel ma' *Wied il-Kbir* (in-naħa ta' ġewwa ta' *Wied Għomor*) u tibqa' ddur minn wara *l-Minsija* sa l-inħawi ta' *Sant'Andrija* f'salib it-toroq; hawnhekk tiġi tmiss ma' Birkirkara.

Il-limiti l-ġodda jkomplu jidħlu 'l ġewwa sal-knisja ta' *San Ġwann ta' l-Għargħar*, fl-*Imsierah*, jiksru lejn il-Punent matul in-niżla tal-*Kappara* (fil-mappa *Via Gzira*) sa salib it-toroq f'*Rue D'Argens* (fil-mappa *Via Misida*) u jitilgħu t-telgħa, jiksru lejn *l-Imrabat* u jerġgħu jinżlu lejn il-baħar bil-*Kulleġġ l-Antik* fuq ix-xellug matul it-triq li sal-lum għadha ġġib ismu. Dan il-kulleġġ kien beda bħala Kulleġġ tal-Protestanti fl-1846, li għalaq fl-1865 u reġa' fetaħ bħala Kulleġġ immexxi mill-Ġiżwiti Ingliżi fl-1877 sa l-1907. Għalhekk, meta San Ġiljan sar parroċċa kellu fih kulleġġ tal-Ġiżwiti. Żewġ istituzzjonijiet importanti li fetħu f'dan it-territorju dik il-ħabta kienu l-Kunvent tas-*Sacred Heart* u l-*Isptar Zammit Clapp* (1903-1907).

Imma dawn il-konfini aktarx wiesa' tal-parroċċa ta' San Ġiljan ma damux wisq hekk kif deskritti hawn fuq. Il-popolarita' ta' dawn l-inħawi kibret bil-bosta lejn il-bidu tas-seklu għoxrin u mal-ħafna nies li ġew joqogħdu f'Tas-Sliema u San Ġiljan żdiedu l-ħtiġijiet spiritwali u l-bżonn tat-twaqqif ta' parroċċi ġodda biex jaqduhom. Kronoloġikament, it-twaqqif ta' dawn il-parroċċi ġodda kien hekk: Sacro Cuor (1918), Gżira (1921), San Girgor (1940), San Ġwann (1965), Balluta (1974), Pembroke (1998) u l-Ibraġ (2002). Il-limiti ta' San Ġiljan bil-mod il-mod dan l-aħħar seklu tnaqqru biex illum huma li huma.

*Ħajr lil Dun Ġużepp Busuttil, Arkivista fil-Kurja Arċiveskovili, għall-kopja tal-pjanta tal-konfini parrokkjali li tinsab f'dan l-arkivju: Canc., AV 42, f.21*